A.L. 124 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Agriculture – Dip. Agric. – taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric. - taħt l-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric. - taħt l-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura, ippubblikati bħala Avviż Legali 14 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Emenda għall-ordinamenti 3 u 4 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinamenti 3 u 4 ta' l-ordinamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

“Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta’ l-Università, ikollhom ċertifikati li għaddew mill-Bijoloġija u mill-Kimika fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola.

4. Biex jidħlu bħala studenti b’mod provviżorju fil-kors preparatorju relatat speċifikatament mall-kors ta’ studju propost, l-applikanti għandu jkollhom:

(a) ċertifikat li għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta’ l-Edukazzjoni Sekondarja f’sitt suġġetti bi grad 5 jew aħjar, li jinkludu l-Malti, l-Ilsien Ingliż, il-Matematika u suġġett xjentifiku; jew

(b) diploma miksuba mill-Kulleġġ ta’ l-Agrikoltura tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni bi grad ta’ *merit* jew aħjar, jew kwalifika simili li, fl-opinjoni tal-Bord, hija ekwivalenti għal din il-kwalifika.”

Emenda għall-ordinament 5 ta’ l-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 5 ta’ l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“5. (1) Il-kors preparatorju jestendi fuq medda ta’ sena ta’ studju fuq bażi *full-time* u jikkonsisti f’taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta’ studju għall-kors preparatorju, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat, fil-bidu ta’ kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta’ studju.”

Emenda għall-ordinament 7 ta’ l-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 7 ta’ l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“7. (1) Il-programm tal-Kors għandu jikkonsisti f’:

(a) taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 54 kredtu; u

(b) proġett fl-agrikolutra f’qasam ta’ studju magħżul li jwassal għal rapport dwar il-proġett ta’ madwar 5000 kelma dwar suġġett approvat, li għalih hemm assenjati 6 kredti.

(2) Fi kwalunkwe sena tal-Kors, l-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 60 kredtu ħlief jekk huma jkunu

meħtieġa jirreġistraw għal taqsimiet studju riferuti skond il-provvedimenti tar-regolament 54 tar-regolamenti prinċipali.

(3) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għad-Diploma, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat, fil-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju."